# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' April 2001.**

**Numru 27**

**Citaz. numru 1062/89 JF**

**Albert Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Air Malta Company Limited u b'nota tal-15 ta' Mejju 1992 Joseph Tabone assuma l-atti tal-kawza flok Albert Mizzi u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 1997 Louis Grech assuma l-atti tal-kawza flok Joseph N. Tabone**

**vs**

**John Mousu' f'ismu proprju u ghan-nom u fl-interess tas-Socjeta' "en commandite", "Mousu' Brothers"**

**Il-Qorti;**

**RIKORS GHAL CAUTIO GIURATORIA**

Din il-Qorti ghandha qabel xejn tiddeciedi s-segwenti rikors tas-socjeta' Mousu' Brothers biex tinghata l-beneficcju tal-garanzija bil-gurament ai termini tal-artikolu 904 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

"Illi l-appell fl-ismijiet premessi jinsab differit ghas-seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Ottubru 2001;

Illi r-Registratur tal-Qorti infurma lis-Socjeta' esponenti li ghandha thallas is-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm1,633) bhala garanzija ghall-ispejjez ta' l-Appell sa mhux aktar tard minn gurnata qabel id-data tas-smiegh ta' l-Appell;

Illi s-Socjeta' esponenti ma ghandhiex il-mezzi finanzjarji sabiex taghmel tali depozitu;

Illi s-socjeta' esponenti ghandha "probabilis causa litigandi" skond l-Artikolu 904(1) tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Fil-fatt, l-imsemmi Appell jirrigwarda biss it-Taba Rikonvenzjonali tas-Socjeta' esponenti u l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet hazin li laqghet il-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mis-Socjeta' attrici meta rrizulta bl-aktar mod lampanti illi kien rinunzja ta' dina l-preskrizzjoni. Tant hu hekk illi c-Chairman Albert Mizzi kien ghamilha cara illi :-

> "Jekk Mousu' Brothers kellhom ragun, apparti mill-preskrizzjoni ghandu jinghata widen u jigu konsidrati l-claims (tieghu)" (Ara xhieda ta' John Mousu' a fol. 103, u a fol. 111/2),

U Sylvio Coppola rapprezentant ta'l-Air Malta p.l.c. jikkorrobora dan u jghid (a fol. 132) :-

> "Is-Sur (Albert) Mizzi kien qalilna dwar il-claims tas-Sur Mousu' peress li kien ghadda certu ammont ta' zmien, ahna ghanna jekk moralment inhossu li dawn kellhom certa validita', ahna ghanna nikkonsidrawhom ukoll f'dak li huwa aggustamenti ta' hlasijiet u bilanci".

Ghaldaqstant is-Socjeta' esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, in vista tal-premess u ghat-tenur ta' l-Artikolu 904 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) taghtija l-beneficcju tal-garanzija bil-gurament minflok id-depozitu rikjest sabiex l-istess Appell ikun jista' jigi trattat."

**<u>RISPOSTA</u>**

Is-socjeta' attrici appellata hekk irrispondiet ghal dan ir-rikors :-

> “Ili s-Socjeta’ esponenti tissottometti illi l-appellant ma ghandux jinghata l-opportunita’ jitratta l-appell minnu interpost bil-“cautio juratorja” minflok id-depozitu in garanzija.
>
> Illi l-appellant ma avvanza l-ebda gustifikazzjoni serja u/jew li ma ghandux mezzi finanzjarji biex jaffronta l-ammont tal-kawtela lilu domandat. L-eccezzjoni ghar-regola, rizervata mil-ligi lil min verament jisthoqqlu, ma ghandhiex isservi ta’ premju lil min b’sotterfugi jhalli li s-Socjeta’ debitrici tippeggjora l-qaghda taghha biex hu minflok jissokta jopera traminte Socjeta’ ohra li fiha ghandu interess, fir-ricerka li jeludi d-drittijiet tal-kreditur.
>
> Lanqas ma jidher, anke prima facie, minn ezami superficjali tal-provi illi l-appellant ghandu bazi serja ta’ dritt u ta’ fatt illi jillegittimaw l-akkoljiment ta’ dak sostenut minnu li ghandu tabilhaqq “probabilis causa litigandi”.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

Is-sub inciz 1 tal-artikolu 904 jipprovdi illi jista’ jinghata lill-appellant l-beneficcju tal-garanzija bil-gurament minflok li jiddepozita l-kawtela stabbilita mir-registratur meta huwa juri prima facie li ghandu probabilis causa litigandi u jahlef li ma rnexxielux igib dik il-garanzija mehtiega skond il-ligi.

Is-sub inciz 2 tal-istess artikolu imbaghad jistabbilixxi li l-Qorti fis-smiegh tar-rikors li bih jintalab biex il-garanzija tigi moghtija bil-gurament tista’ tidhol fil-mertu sa fejn dan jista’ jiswa ghal decizjoni tal-kwistjoni dwar il-garanzija bil-gurament. F’dan il-kuntest din il-Qorti ezaminat l-aggravju tal-appellant nomine u r-risposta ghaliha tas-socjeta’ appellata b’referenza ghall-atti processwali u ghall-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha.

Il-Qorti tinnota qabel xejn illi s-socjeta' attrici m'appellatx minn dik il-parti tas-sentenza illi ddecidiet li tillibera l-John Mousu' personalment mill-osservanza tal-gudizzju. Is-sentenza appellata ghaddiet allura fir-rigward tieghu in gudikat. Ikkostatat ukoll illi l-qofol tal-mertu tal-appell kienet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' attrici li effettivament una volta milqugha mhux biss innewtralizzat it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' appellanti imma wkoll imminat id-difiza taghha fil-konfront ghat-talbiet attrici. Hu proprju fuq din il-materja illi s-socjeta' appellanti tippernja dan l-aggravju taghha. Dana ghar-raguni ovvja illi jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti li biha laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoi tas-socjeta' attrici tigi konvalidita, dan kien jipprekludi lill-Qorti – kif gustament ikkunsidrat l-ewwel Qorti – milli tidhol fil-mertu tal-pretensjoni tas-socjeta' Mousu' Brothers kontra s-socjeta' attrici ghall-pagamenti minnha pretizi ghall-prestazzjonijiet varji u dana fuq diversi kawzalijiet.

Ezami tal-aggravju fir-rikors tal-appell wassal lil din il-Qorti ghall-konvinzjoni illi l-ilment tas-socjeta' Mousu' Brothers ma jistax jitqies li kien ghal kollox frivolu u kien jimmerita li jigi ulterjorment investigat minn din il-qorti ta' revizjoni. Dan partikolarment fl-aspetti fattwali fir-rigward tal-allegata interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv kif ukoll dwar l-allegazzjoni illi s-socjeta' attrici kienet f'xi zmien irrinunzjat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll fir-rigward ta' kif il-provi prodotti

kellhom jigu interpretati fid-dawl tal-principji tad-dritt applikabbli. Din il-Qorti tara per ezempju rilevanza fil-fatt illi fil-mori tal-kawza s-socjeta' attrici naturalment wara debita investigazzjoni tal-kontijiet u tal-pretensjonijiet tas-socjeta' appellanti rriduciet l-ammont minnha pretiz b'ammonti sostanzjali. F'dan ir-rigward is-sentenza appellata hekk ikkunsidrat "il-fatt li kien hemm zewg riduzzjonijiet sostanzjali da parti tal-attur nomine kif diga' spjegat sopra juri li parti mill-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine jregu – l-ammont kellu jonqos in konsiderazzjoni ta' certi hlasijiet li ma kienux gew meqjusin debitament".

Il-Qorti allura kellha tqis x'kien l-effett ta' din ir-riduzzjoni fit-talba da parti tas-socjeta' attrici u jekk tali riduzzjoni setax ikollha effett sew fuq id-dekors tal-perjodu preskrittiv kif ukoll fuq l-interpretazzjoni tal-fatti li skond is-socjeta' appellanti kellhom jitqiesu li jimplikaw rinunzja tacita ghall-preskrizzjoni gja' akkwistata fit-termini tas-sub inciz 2 tal-artikolu 2108 kif pretiz mill-appellant nomine.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti ghall-konkluzjoni illi hemm aspetti fl-aggravju fir-rikors tal-appell illi jindikaw li s-socjeta' appellanti kellha probabilis causa litigandi. Naturalment dan ma jfissirx illi din il-Qorti qed tghaddi xi gudizzju fil-mertu jew li ma tirravizax hi stess sottomissjonijiet li s-socjeta' attrici appellata tista' tavanza biex tirribatti dawn l-aggravji. Kif gja' osservat f'gudikati ohra l-probabilis causa litigandi tindika biss li l-Qorti tirravviza sostanza fil-kontestazzjoni u

dana indipendentement minn jekk tali gustifikazzjoni tkunx guridikament sostennibbli. Dan seta' jigi biss stabbilit wara li l-aggravji sollevati jigu debitament ventilati u trattati quddiem din il-Qorti. L-ewwel rekwizit stabbilit fl-artikolu 904 tal-Kap 12 ghall-ghoti ta' beneficcju ta' garanzija bil-gurament minflok ma jsir id-depozitu tal-kawtela jirrizulta sodisfatt.

It-tieni rekwizit hu li l-appellant jahlef li ma rnexxielux igib dik il-garanzija mehtiega skond il-ligi. Dan il-gurament l-appellant hadu quddiem din il-Qorti. Kif hi l-prattika kostanti, din il-Qorti indagat dwar il-korrettezza ta' dak il-gurament biex tassigura illi c-cirkostanzi finanzjarji tal-appellant kien tali li verament hu ma setax jirnexxielu jgib il-garanzija mehtiega skond il-ligi. Il-Qorti kellha tkun sodisfatta illi l-gurament allura kien wiehed attendibbli u jirrifletti l-verita'. F'dan ir-rigward il-Qorti terga' tinnota illi l-appell huwa tas-socjeta "en commandite" Mousu' Brothers u mhux tal-konvenut personalment li, kif inghad gie liberat minn kull att debitu mis-sentenza appellata. Ir-rapport tal-awdituri tas-socjeta' ghas-sena intemmet fil-31 ta' Dicembru 1999 juri *profit and loss account* li jixhed telf ta' hames mitt lira u jipprova illi d-dhul kollu tas-socjeta' ghal dik is-sena intefaq, apparti fi spejjez amministrattivi, fil-hlas ta' imghax u charges bankarji. Jekk dak il-*profit and loss account* jittiehed bhala bazi s-socjeta' appellanti certament ma setax jaffronta l-ammont ta' Lm1633 f'depozitu in kawtela tal-ispejjez ta' dan l-appell kif likwidat mir-registratur. Hu veru illi quddiem din il-Qorti s-socjeta' attrici ttantat tipprova illi l-konvenut personalment kien ircieva salarju mhux

negligibbli qua direttur mhux tas-socjeta' appellanti imma tas-socjeta' Mousu' Travel Services Limited li kienet u baqghet topera l-istess xorta' ta' dan in-negozju u li fiha wkoll il-konvenut personalment kien direttur.

Filwaqt li din il-Qorti tifhem ir-raguni ghaliex il-konvenut personalment konvenjentement ghazel li jinnegozja permezz tad-diversi socjetajiet taht ezami, hi ma tistax tinjora r-rejaltajiet guridici li l-formazzjoni ta' dawn is-socjetajiet holqot.  M'hemm l-ebda indizju ta' prova illi l-impossibilita' tas-socjeta' appellanti li tipproduci l-garanzija mehtiega kienet b'xi mod marbuta ma' jew konsegwenzjali ghall-holqien ta' dawn id-diversi socjetajiet jew ghall-mod kif kienu jikkonducu n-negozju taghhom.  Konsegwentement din il-Qorti kellha tibqa' attinenti mal-fatti kif gew provati quddiemha u ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi l-gurament tal-konvenut nomine li ma rnexxielux igib il-garanzija mehtiega skond il-ligi kien wiehed inveritier.  It-tieni rekwizit tas-sub inciz 1 tal-artikolu 904 tal-Kap 12 gie wkoll allura sodisfatt.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' t-talba tal-appellant nomine li jigi ammess ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament u tiddeferixxi l-kawza ghal trattazzjoni fil-mertu.  Spejjes rizervati ghall-gudizzju finali.

Dep/Reg

mg